2023/2274

9.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 131/2023

tat-28 ta' April 2023

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2274]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1253 tad-19 ta' Lulju 2022 li jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward ta' derogi minn ċerti rekwiżiti introdotti mir-Regolament Delegat (UE) 2022/201 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 66p (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"- **32022 R 1253**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2022/1253 tad-19 ta' Lulju 2022 (ĠU L 191, 20.7.2022, p. 45)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1253 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 129/2023 tat-28 ta' April 2023 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

([1]) ĠU L 191, 20.7.2022, p. 45.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) ĠU L, 2023/2272, 9.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2272/oj.